MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 71/1999/1

**Avviz.  numru  71/99 DM**

**Vincent Cuschieri**

**Vs**

**Haywharf Caterers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ seba mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm763.71) bilanc minn somma akbar prezz ta’ merci lilhom mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Ottubru 1998 u bl-imghaxijiet lefali mit-12 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-

effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni fil-persuna tad-diretturi taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Is-socjeta konvenuta ghadha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija qatt ma xtara jew ordnat il-merca imsemmija fla-avviz odjerm, u l-ebda merca ma giet ikkonsenjata lilha mis-socjeta attrici;
2. Is-socjeta konvenuta lanqas ma giet notifikata b'xi ittra ufficjali kif allegat fl-avviz odjern;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' referenzi tas-socjeta konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-atturi, li jikkonsistu fid-depozizzjoni ta' John Cuschieri u d-dokomenti minnu ezibiti, jirrizulta indubbjament illi sa minn Novembru ta' l-1997 il-kumpanijja attrici kienet bdiet tforni lil *restaurant* imsejjah 'Lo Squero' fil-Furjana b'diversi prodotti importati mill-kumpanija attrici u intisi ghall-konsum fl-istess *restaurant.*

Jirrizulta inoltre ipprovat illi din il-merkanzijja giet effettivament ikkonsenjata kif jirrizulta ukoll mid-*delivery notes* relattivi esibiti mill-istess attur.

Dan kollu ghalhekk jintitola lill-atturi li jitolbu il-hlas tal-bilanc dovut bhala prezz ta' l-istess merkanzija kkonsenjata minghand min kien ordna l-istess merkanzija, ghamel uzu minnha u ntrabat li jhallas ghaliha.

Ghalhekk, kull ma jrid jigi determinat f'din il-kawza huwa jekk il-kumpanija konvenuta Haywharf Caterers Limited kienetx effettivament il-kumpanija illi kienet qed topera r-*restaurant* 'Lo Squero' jew jekk din il-kumpanija konvenut intrabtetx li taghmel tajjeb ghall-ammont mitlub mill-atturi.

Mid-deposizzjoni ta' John Cuschieri ma jirrizulta ebda indizju illi kien sar xi kuntatt ma xi persuna li kienet tirraprezenta lill-kumpanija konvenuta, izda jsostni illi s-socjeta attrici dejjem ikkomunikat mall-persuni illi kienu qeghin jiggestixxu n-negozju taghhom fir-*restaurant* 'Lo Squero'.

Min naha l-ohra is-socjeta konvenuta issostni illi fi zmien illi is-socjeta attrici kienet forniet il-merkanzija in kwistjoni l-istess kumpanija konvenuta ma kellha ebda interess fil-gestjoni tar-*restaurant* taghha peress illi dan ir-*restaurant* (mikri lilha min ghand il-Gvern) kien mghoti lil certu Fernando Piovaccari  u lil certa Sabrina Numa sabiex dawn joperaw ir-*restaurant* fl-interess eskluzziv taghhom u ta' din il-koncessjoni l-istess operaturi kellhom ihallsu kull sena lis-socjeta Haywharf Caterers Limited is-somma li giet stabbilita fil-klawsola tnejn (2) tall-kuntratt ta' l-1 ta' Gunju 1995 (esibit bhala  dokument X a fol. 28 tal-process) somma ta sebghat elef u tmien mitt lira (Lm7,800).

Mill-istess kuntratt jirrizulta illi il-gestjoni esklussiva tar-*restaurant* b'effett mis-sena 1995 kienet f'idejn l-operaturi Piovaccari u Numa u s-socjeta konvenuta ma kellha ebda interess f'din l-operazzjoni hlief ghal dak li jirrigwarda is-somma li kellha tircievi kull sena minhabba tali koncessjoni.

Infatti anke fl-istess kuntratt gie espressament pattwit illi kienu l-operaturi tar-*restaurant* illi kienu unikament responsabli ghall-hlasijiet tal-prezz ta' kull materja prima illi kienet se tigi wzata u ikkunsmata.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' prova illi is-socjeta konvenuta b'xi mod kienet implikata fil-gestjoni tar-*restauarnt* jew li ndahlet mas-socjeta attrici biex tiggarantixxi il-hlasijiet tal-

merkanzija ordnata mill-operaturi tar-*restaurant* ‘Lo Squero’ it-talba attrici ma tistax treggi fil-konfront tal-konvenuti. Infatti jirrizulta illi s-socjeta konvenuta hija totalment estraneja ghar-relazzjonijiet kummercjali li kienu jeziztu bejn il-kumpanija attrici u l-operaturi ta’ l-imsemmi restaurant.

Ghaldaqstant, il-Qorti tichad it-talba attrici u l-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------